



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-625/15 P

Schniga GmbH

vs

L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)

“Appell – Protezzjoni Komunitarja tal-varjetajiet ġodda ta’ pjanti – Applikazzjoni għal protezzjoni Komunitarja – Varjetà ta’ tuffieħa ‘Gala Schnitzer’ – Eżami tekniku – Prinċipji ta’ gwida maħruġa mill-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) – Regolament (KE) Nru 1239/95 – Artikolu 23(1) – Setgħat tal-President tas-CPVO – Żieda ta’ karatteristika distintiva fit-tmiem tal-eżami tekniku – Stabbiltà tal-karatteristika fuq żewġ ċikli ta’ kultivazzjoni”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-8 ta’ Ġunju 2017

1. *Agrikoltura – Leġislazzjonijiet uniformi – Protezzjoni ta’ varjetajiet ġodda ta’ pjanti – Eżami tekniku – Setgħa diskrezzjonali tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti – Portata – Limiti*

(Regolament tal-Kunsill Nru 2100/94, Artikoli 7(1) u 56(2))

2. *Agrikoltura – Leġislazzjonijiet uniformi – Protezzjoni ta’ varjetajiet ġodda ta’ pjanti – Proċedura għat-tressiq ta’ kawża – Appell minn deċiżjoni tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti u mibgħut quddiem il-Bord tal-Appell – Setgħa diskrezzjonali tal-Bord fit-trattament tal-kawża – Limiti*

(Regolament tal-Kunsill Nru 2100/94, Artikolu 72)

3. *Agrikoltura – Leġislazzjonijiet uniformi – Protezzjoni ta’ varjetajiet ġodda ta’ pjanti – Eżami tekniku – Setgħa tal-President tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti li jżid karatteristika ġdida – Kundizzjonijiet għall-eżerċizzju – Żieda ta’ karatteristika ġdida wara t-tmiem tal-eżami tekniku – Ammissibbiltà – Ksur tal-prinċipju ta’ ċertezza legali – Assenza*

(Regolament tal-Kunsill Nru 2100/94, Artikolu 56(2); Regolament tal-Kummissjoni Nru 1239/95, Artikoli 22(1) u 23(1))

1. Ix-xogħol tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) huwa kkaratterizzat minn kumplessità xjentifika u teknika tal-kundizzjonijiet ta’ eżami tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni Komunitarja, b’mod li għandha tiġi rrikonoxxuta fir-rigward tiegħu setgħa diskrezzjonali wiesgħa fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu. Din is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa testendi, b’mod partikolari, għall-verifika tal-karattru distintiv ta’ varjetà, fis-sens tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 2100/94 dwar drittijiet ta’ varjetajiet ta’ pjanti fil-Komunità.

B’dan il-mod, is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li s-CPVO għandu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu ma tistax tippermettilu jevita r-regoli tekniċi li jirregolaw l-iżvolġiment tal-eżamijiet tekniċi, mingħajr ma jikser id-dmir ta’ amministrazzjoni tajba kif ukoll l-obbligu ta’ kura u ta’ imparzjalità li huwa għandu. Barra minn hekk, in-natura vinkolanti, inkluż għas-CPVO, ta’ dawn ir-regoli hija kkonfermata

mill-Artikolu 56(2) tar-Regolament Nru 2100/94, li jimponi li l-eżamijiet tekniċi jitwettqu skont dawn ir-regoli. Għaldaqstant, huwa b'mod korrett li l-Bord tal-Appell ikkonstata li s-CPVO ta l-protezzjoni Komunitarja għal varjetà kandidata abbażi ta' eżami tekniku irregolari, peress li din il-protezzjoni ngħatat mingħajr ma s-CPVO ma kellu għad-dispożizzjoni tiegħu elementi li jstabbilixxu li l-karatteristika addizzjonali tal-varjetà kandidata kienet ġiet eżaminata matul żewġ ċikli ta' veġetazzjoni, bi ksur tal-protokollu tekniċi adottati mis-CPVO.

(ara l-punti 46, 78-80)

2. Għalkemm huwa veru li l-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) għandu setgħa diskrezzjonali fir-rigward tal-opportunità li jiddeċiedi huwa stess dwar l-applikazzjoni jew li jibgħat lura l-każ lid-dipartiment kompetenti tas-CPOV, xorta jibqa' l-fatt li, meta huwa jiddeċiedi li jeżerċita s-setgħat tas-CPVO, huwa għandu jeżamina b'kura u b'imparzjalità l-elementi kollha rilevanti ta' applikazzjoni għal protezzjoni Komunitarja u huwa għandu jiġbor l-elementi kollha ta' fatt u ta' liġi neċessarji għall-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu. Fil-fatt, is-CPVO, bħala organu tal-Unjoni Ewropea, huwa suġġett għall-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Huwa għandu, barra minn hekk, jiżgura l-iżvolġiment tajjeb u l-effettività tal-proċeduri li jimplementa.

(ara l-punti 47, 84)

3. Skont l-Artikolu 56(2) tar-Regolament Nru 2100/94, dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità, u l-Artikoli 22(1) u 23(1) tar-Regolament Nru 1239/95, li jstabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 rigward il-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO), il-President tas-CPVO għandu s-setgħa jżid karatteristika ġdida għall-eżami tekniku tal-varjetà kandidata. Biss il-flessibbiltà li tippermetti tali setgħa tista' tiggarrantixxi l-għan tal-proċedura ta' għoti tal-protezzjoni Komunitarja. Għaldaqstant, applikazzjoni għal protezzjoni Komunitarja ma tistax tiġi miċħuda għar-raġuni biss li l-karatteristika ta' varjetà eżaminata, ikkonstatata waqt l-eżami tekniku u li hija determinanti sabiex jiġi evalwat il-karattru distintiv tagħha meta mqabbla ma' varjetajiet oħra, la kienet imsemmija fil-kwestjonarju ta' natura teknika mimli mill-applikant u lanqas fil-prinċipji ta' gwida u fil-protokollu rilevanti. Fil-fatt, fir-rigward tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa rrikonoxxuta lis-CPVO, dan jista' jieħu inkunsiderazzjoni, jekk huwa jqis neċessarju, fatti u provi invokati jew prodotti tardivament mill-partijiet. Tali setgħa għandha tkun tista' tiġi rrikonoxxuta lilu *a fortiori* meta l-elementi rilevanti għall-eżami tal-karattru distintiv ta' varjetà huma kkonstatati matul il-proċedura oġġettiva li tikkostitwixxi l-eżami tekniku mitlub mis-CPVO u mwettaq minn uffiċċju ta' eżami nazzjonali.

Għal dak li jirrigwarda l-mument li fih il-President tas-CPVO jista' jeżerċita s-setgħa li huwa għandu fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1239/95, la d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament u lanqas dawk tar-Regolament Nru 2100/94 ma jipprekludu ż-żieda ta' karatteristika ġdida li ssir wara t-tmiem tal-eżami tekniku, ladarba tali karatteristika ġiet ikkonstatata waqt dan l-eżami. F'dan ir-rigward, il-fatt li dan il-president iżid karatteristika ġdida li l-preżenza tagħha ġiet ikkonstatata biss waqt l-eżami tekniku ta' varjetà ma jistax, fih innifsu, jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali fir-rigward tat-terz li l-varjetà protetta tiegħu tqieset bħala varjetà ta' riferiment għall-finijiet ta' dan l-eżami. Fil-fatt, huwa ma jistax jinvoka aspettattivi leġittimi fir-rigward tal-portata ta' dan l-eżami u fir-rigward tan-natura tal-karatteristiċi distintivi eżaminati.

(ara l-punti 52, 55-57, 61, 66)